**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Matthew Galea]**

**vs**

**Fuad Karam**

**Kumpilazzjoni Numru: 335/2020**

**Illum, 27 ta' April 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Fuad Karam detentur tad-dokument bin-numru tal-pulizija bin-numru 19AA-264:

Akkuzat talli nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju 2020, ghall habta tat-tlieta u hames minuti ta' wara nofsinhar (15:05hrs) waqt li kien fi Triq il-Kbira, San Guzepp, il-Hamrun

1. b'ghemil zieni, ikkorrompa lill Samaya Cassar u ill Maya Sammut it-tnejn persuni ta' taht is-sittax-il sena;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, barra mill-kazijiet imsemmija fl-artikoli ta' qabel is-sub-titolu jew f'dispozizzjonijiet ohra tal-ligi, offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku,

Il-Qorti giet mitluba sabiexfil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba,bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Samaya Cassar u Maya Sammut jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuni msemmija u l-familja taghhom minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-persuni offizi u l-

familja taghhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Art 203, 209, 382A. 383, 384, 385, 412C, 412D u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante ammissjoni tat-tieni (2) akkuza, il-Qorti qed issib lill-imputat Fuad Karam hati tal-istess tieni (2) akkuza u tikkundannah tliet (3) xhur prigunerija, filwaqt li qed jigi liberat mill-ewwel (1) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**